

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13521/25

CULT 102
CODEC 1432
EEE 26
SOC 645

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 587 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni "Kapitali Ewropej tal-Kultura" għall-perjodu 2020–2033

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 587 final.

Mehmuż: COM(2025) 587 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025
COM(2025) 587 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni “Kapitali Ewropej tal-Kultura” għall-
perjodu 2020–2033**

{SWD(2025) 284 final}

1. Introduzzjoni

Immedija fl-1985 fuq idea tal-eks Ministru Grieg għall-Kultura, Melina Mercouri, **il-Kapitali Ewropea tal-Kultura** (minn hawn 'il quddiem ECoC, European Capital of Culture) hija azzjoni ewlenija tal-Unjoni Ewropea. L-għan tal-inizjattiva huwa li tippromwovi u tiċċelebra d-diversità kulturali rikka u l-wirt kondiviż tal-Ewropa, biex b'hekk jiżdied is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini għal żona kulturali komuni, u li ssaħħaħ il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-bliet. Inizjalment, il-bliet ġew maħtura bħala “Bliet Ewropej tal-Kultura” mill-Istati Membri li jaġixxu abbażi ta' Riżoluzzjoni tal-Ministri Responsabbli għall-Affarijiet Kulturali, li rrikonoxxiet ir-rwol essenzjali li għandhom il-bliet fil-formazzjoni u fit-tixrid tal-kultura fl-Ewropa. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 1419/1999/KE (emendata bid-Deċiżjoni Nru 649/2005/KE fl-2005), il-“Bliet Ewropej tal-Kultura” saru “Kapitali Ewropej tal-Kultura” u l-inizjattiva ġiet stabbilita bħala azzjoni Komunitarja. Fl-2006, ġiet adottata deċiżjoni oħra (1622/2006/KE), li temmet ir-regoli għas-selezzjoni u għall-monitoraġġ tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura differenti. Il-bażi legali kurrenti, id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ġiet adottata fl-2014 biex tkopri s-snin 2020-2033.

Din hija l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni tal-ECoC għall-perjodu 2020-2033, kif meħtieġ mill-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni. Din tivvaluta l-prestazzjoni tal-azzjoni fil-konfront tal-ħames kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fil-Linji Gwida u s-Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar: l-Effettività, l-Effiċjenza, ir-Rilevanza, il-Koerenza u l-valur Miżjud tal-UE kif ukoll l-impatt aktar fit-tul tal-intervent biex jinftiehem aħjar il-legat potenzjali marbut mal-ospitar ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura. Għandha wkoll l-għan li tidentifika prattiki tajbin u tagħlimiet għall-ECoCs futuri u għall-bliet Ewropej interessati li jkomplu jiżviluppaw l-istrateġiji kulturali u l-offerta kulturali tagħhom. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni tidentifika titjib potenzjali għall-azzjoni li għandhom jitqiesu għall-inizjattiva suċċessiva wara l-2033.

Minħabba l-impatt tal-COVID-19 fuq l-implimentazzjoni tal-azzjoni fil-bidu tal-perjodu 2020–2033, saret l-għażla li jiġi inkluż ambitu usa' ta' ECoCs differenti u li l-bliet li jkollhom it-titolu jintgħażlu u jiġu mmonitorjati skont id-dispożizzjonijiet tal-istrument legali preċedenti. Dan tqies bħala meħtieġ biex tinkiseb perspettiva aħjar dwar l-impatt aktar fit-tul tal-azzjoni.

Tfassil tal-azzjoni

Skont il-bażi legali kurrenti li tkopri l-2020 sal-2033, żewġ Stati Membri huma intitolati li jospitaw l-azzjoni tal-ECoC kull sena, skont ordni kronoloġika stabbilita fid-Deċiżjoni. Barra minn hekk, fl-2022, fl-2024, fl-2028, fl-2030 u fl-2033, belt f'pajjiż tal-EFTA/ŻEE, f'pajjiż kandidat jew f'pajjiż kandidat potenzjali (pajjiżi mhux tal-UE) jista' jkollha wkoll it-titolu. L-Istati Membri jimmaniġġaw il-proċedura tas-selezzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali, taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità rilevanti tagħhom u bl-assistenza tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni hija responsabbli direttament għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet miftuħa bejn il-bliet f'pajjiżi mhux tal-UE.

Il-kompetizzjonijiet jibdeu mhux aktar tard minn 6 snin qabel is-sena tat-titolu, meta l-Istat Membru kkonċernat (il-Kummissjoni għall-kompetizzjoni bejn il-bliet fi Stati Membri mhux tal-UE) jippubblika sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Is-sejħa tinkludi s-sitt kriterji kif speċifikati fil-bażi legali: “kontribut għall-istrateġija fit-tul”, “dimensjoni Ewropea”, “kontenut kulturali u artistiku”, “kapaċità ta' rendiment”, “komunikazzjoni” u “ġestjoni”.

Is-selezzjoni mbagħad tiġi organizzata f'żewġ fażijiet: il-preselezzjoni mhux aktar tard minn 5 snin qabel is-sena tat-titolu (il-bliet kandidati jiġu mnaqqsa għal lista mqassra) segwita mis-selezzjoni 9 xhur wara (belt waħda hija rrakkomandata għat-titolu). Panel ta' esperti jeżamina l-offerti skont l-oġettivi u l-kriterji tal-azzjoni. Abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-panel, l-Istat Membru kkonċernat (il-Kummissjoni għal pajjiżi mhux tal-UE) jaħtar formalment il-belt rebbieħa.

Ladarba tinħatar, il-belt tiġi sottomessa għal proċess ta' monitoraġġ sas-sena tat-titolu. Bħala parti minn dan il-proċess, il-Kummissjoni ssejjaħ tliet laqgħat bejn il-belt u l-panel biex tirrieżamina l-progress u tagħti gwida. Abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-panel fi tmiem il-proċess ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk għandhiex tħallas jew le l-Premju Melina Mercouri lill-belt fil-bidu tas-sena tat-titolu. Il-Premju huwa ffinanzjat mill-programm Ewropa Kreattiva.

Il-panel ta' Esperti inkarigat mill-proċeduri tas-selezzjoni u tal-monitoraġġ jikkonsisti f' mhux aktar minn 12-il membru: hemm 10 membri li jiġu nnominati fuq bażi kontinwa mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għal mandati ta' 3 snin (3 mill-Parlament Ewropew, 3 mill-Kunsill tal-UE, 3 mill-Kummissjoni u 1 mill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni) u sa 2 membri jiġu nnominati mill-Istat Membru kkonċernat.

Il-preselezzjoni tal-esperti Ewropej issir mill-Kummissjoni permezz ta' sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess. Il-kriterji biex jintgħażlu l-esperti huma elenkati fl-Artikolu 6 tal-bażi legali.

L-azzjoni hija ġestita fil-Kummissjoni permezz tat-taqsima Ewropa Kreattiva tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura (DG EAC, Directorate-General for Education, Youth, Sport and Culture).

Meta mqabbla mal-predeċessur tagħha, l-azzjoni tal-ECOC regolata bid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE gābet it-tibdiliet li ġejjin:

- It-tneħħija tal-ħtieġa ta' konferma ta' bliet magħżula fil-livell tal-UE, bil-bliet li jkollhom it-titolu tal-ECOC maħtura direttament mill-Istat Membru kkonċernat;
- Il-ftuħ għall-pajjiżi kandidati, għall-pajjiżi kandidati potenzjali u għall-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE;
- Kriterji ta' selezzjoni aktar speċifiċi u robusti, b'enfasi aktar qawwija fuq l-impatt fit-tul tal-azzjoni u d-dimensjoni Ewropea;
- Inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-profil tal-membri tal-panel fil-bażi legali;
- Organizzazzjoni ta' tliet laqgħat ta' monitoraġġ minflok tnejn bl-ewwel waħda sseħħ 3 snin qabel is-sena tat-titolu u l-aħħar laqgħa tkun xi ftit xhur qabel is-sena tat-titolu;
- Bidla tar-responsabilità għal evalwazzjoni *ex post* mill-Kummissjoni Ewropea għall-belt desinjata;
- Posponiment tal-ħlas tal-Premju Melina Mercouri minn xahrejn qabel il-bidu tas-sena tat-titolu għall-bidu tas-sena.

2. Stat ta' Żvilupp tal-Azzjoni

Mill-1985, it-titolu ngħata lil 82 belt differenti fl-Istati Membri kollha tal-UE (inkluż ir-Renju Unit sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Rtirar fl-2020) u ngħata lil bliet f'ħames pajjiżi mhux tal-UE: l-Iżlanda (2000), it-Turkija (2010), in-Norveġja (2000, 2008, 2024), is-Serbja (2022) u l-Maċedonja ta' Fuq (2028). Intgħażlu 22 belt taħt il-bażi legali kurrenti, 13 minnhom

ospitaw/qed jospitaw l-azzjoni fiż-żmien tal-abbozzar ta' din il-Komunikazzjoni, filwaqt li disa' minnhom intgħażlu u qed iħejju s-sena tat-titolu tagħhom.

Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE ġiet emendata fl-2017 biex jiġu integrati l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Din ġiet emendata mill-ġdid fl-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Offriet liż-żewġ ECoCs tal-2020 (Rijeka u Galway) il-possibilità li s-sena tal-ECoC tagħhom tiġi estiża sat-30 ta' April 2021. Barra minn hekk, is-sena tal-ECoC f'Timişoara u f'Elefsina ġiet posposta mill-2021 għall-2023, filwaqt li s-sena tat-titolu f'Novi Sad ġiet posposta mill-2021 għall-2022.

L-ġhoti tal-istatus ta' kandidat tal-UE għall-Ukrajna u għall-Georgia fl-2022 u fl-2023 għamel liż-żewġ pajjiżi eliġibbli għall-kompetizzjoni miftuħa għall-bliet f'pajjiżi mhux tal-UE peress li ż-żewġ pajjiżi jipparteċipaw ukoll fil-Programm Ewropa Kreattiva.

3. Sejbiet tal-Evalwazzjoni: Suċċessi u Sfidi

Effettività

Instab li l-azzjoni tal-ECoC stimulat għadd akbar ta' attivitajiet kulturali u offerta kulturali mwessa' fil-bliet ospitanti, f'termini kemm ta' ġeneru kif ukoll ta' lokazzjoni. Meta jitqiesu l-evalwazzjonijiet lokali mill-ECoC li saru bejn l-2013 u l-2022, **sena tipika tal-ECoC tikkonsisti f'madwar 1 000–1 200 attività kulturali separata**. Kellha wkoll effett konsiderevoli fuq l-investimenti fl-attivitajiet u fl-infrastruttura kulturali madwar il-bliet ospitanti, b'baġits kulturali tal-amministrazzjonijiet tal-bliet ospitanti spiss madwar ħames darbiet akbar bħala konsegwenza tal-ospitar tal-ECoC tagħhom. **Iċ-ċifri uffiċjali tal-attenzenza tal-ECoC ta' bejn l-2013 u l-2022 juru li madwar 38,5 miljun persuna pparteċipaw f'attività kulturali appoġġata mill-ECoC** matul dan il-perjodu bħala membru tal-udjenza, kuratur jew benefiċjarju tal-proġett. Dan id-dinamiżmu, flimkien mal-possibiltà li l-pubbliku jattendi ħafa avvenimenti mingħajr hla, għen fit-twessigħ tat-tip ta' benefiċjarji li kkonsmaw il-kultura u ħeġġeġ lin-nies mhux attivi fil-qasam kulturali biex jattendu attivitajiet kulturali. Pereżempju, diversi ECoCs inkludew studenti tal-iskola, persuni minn ambjenti żvantaġġati (bħall-migranti u l-persuni qiegħda) kif ukoll persuni li jgħixu fil-viċinati periferali ta' belt.

L-ECoC ikkontribwiet ukoll għat-tisħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi fil-bliet ospitanti. Filwaqt li parti minn dan l-impatt ġiet minn proġetti ddedikati għall-bini tal-kapaċitajiet, huwa kien xprunat l-aktar mill-ħolqien ta' ekosistemi kulturali formali u informali. L-ECoC ħeġġet lill-partijiet ikkonċernati lokali biex jikkollaboraw fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programmi kulturali. Din il-kollaborazzjoni, flimkien mal-esperjenza tal-ġestjoni ta' għadd kbir ta' proġetti kulturali, għenet fl-iżvilupp ta' talent lokali u fil-bini tal-kapaċità tas-settur fit-tul.

L-evalwazzjoni tissottolinja kif l-ECoC tindirizza b'suċċess l-oġettiv strateġiku tagħha li żżid il-profil internazzjonali tal-bliet ospitanti permezz tat-twettiq ta' programm kulturali b'saħħtu. Dan huwa muri b'mod speċjali minn għadd akbar ta' viżitaturi barranin fil-bliet ospitanti, permezz tal-kopertura estiża tal-media internazzjonali qabel u matul is-sena u minn kollaborazzjoni internazzjonali mtejba. B'mod ġenerali, l-analiżi minn dawg l-ECoCs li ġabret data rilevanti turi li **sena tal-ECoC tista' żżid in-numri tal-viżitaturi f'belt ospitanti b'madwar 30–40 % (25–35 % minnhom jiġu minn barra l-pajjiż)**.

Effiċjenza

L-evalwazzjoni sabet li, skont id-disinn, **l-ECOC hija azzjoni kosteffettiva li tista' tingrana l-finanzjament pubbliku u privat b'kost relattivament baxx għall-Unjoni (madwar EUR 3–5 miljun fis-sena)**. L-analiżi tal-baġits tal-ECOCs li saru bejn l-2013 u l-2022 turi li **l-azzjoni stimulat b'mod kollettiv madwar EUR 900 miljun f'finanzjament lejn l-aġenda kulturali madwar l-UE**, filwaqt li jitqies il-finanzjament kollu li ntnefaq minn sorsi tal-UE, nazzjonali, reġjonali, lokali u privati.

Il-premju Melina Mercouri (EUR 1,5 miljun) jirrappreżenta biss frazzjoni tal-baġit kollu tal-ECOC tal-bliet li jkollhom it-titolu, u jvarja bejn 2 % u 7 % tal-baġit ġenerali tal-ECOC. Porzjon sinifikanti jiġi minn sorsi pubbliċi, b'finanzjament nazzjonali, lokali u reġjonali li kollettivament jipprovdi 71 % tal-baġit. Madankollu, ta' min jinnota li ta' spiss ikun hemm diskrepanza bejn il-baġits ippjanati u reali, bil-biċċa l-kbira tal-bliet jiffaċċjaw nuqqasijiet minħabba diversi fatturi, bħal impenji finanzjarji mnaqqsa mill-gvernijiet nazzjonali u ċirkostanzi mhux previsti. Għadd żgħir ta' bliet biss wettqu l-programmi tagħhom bil-projezzjonijiet baġitarji oriġinali tagħhom.

L-evalwazzjoni ddeskriviet ukoll l-isfidi li jaffettwaw l-effiċjenza tal-azzjoni u t-tagħlimiet li l-bliet kandidati jew il-bliet li jkollhom it-titolu jistgħu jieħdu mill-esperjenza tal-ECOC tagħhom. Pereżempju, ir-restrizzjonijiet ta' żmien bejn l-istadji tal-preselezzjoni u tas-selezzjoni finali jirrappreżentaw kwistjoni għall-bliet kandidati, li xi drabi ma jistgħux itejbu bis-siġġ l-applikazzjoni tagħhom bejn iż-żewġ sessjonijiet tas-selezzjoni. Fi stadju aktar tard, jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jikkapitalizzaw fuq il-ħidma li tkun saret u fuq il-kompetenzi akkwistati matul il-proċess tal-offerti. Barra minn hekk, jista' jkollhom diffikultajiet biex jibbażaw fuq apprendiment u komunikazzjoni suffiċjenti bejn il-bliet tal-ECOC tal-passat, kurrenti u futuri.

Effiċjenza tal-proċeduri tas-selezzjoni u tal-monitoraġġ

Skont il-bażi legali kurrenti, il-proċess tas-selezzjoni jinkludi l-passi li ġejjin:

- Talba għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet: mill-inqas 6 snin qabel is-sena tat-titolu.
- Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni: minimu ta' 10 xhur wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.
- Laqgħa u rapport tal-preselezzjoni: 5 snin qabel is-sena tat-titolu.
- Skadenza riveduta għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni u laqgħa u rapport tas-selezzjoni: madwar 9 xhur wara l-laqgħa tal-preselezzjoni.
- Ħatra tal-belt: 4 snin qabel is-sena tat-titolu.

Wara s-selezzjoni, isiru tliet laqgħat ta' monitoraġġ, 3 snin, 18-il xahar u xahrejn qabel is-sena tat-titolu. Filwaqt li l-partijiet ikkonċernati kkonsultati jqisu l-proċessi kurrenti tas-selezzjoni u tal-monitoraġġ bħala li jaħdmu sew b'mod ġenerali, huma identifikaw ukoll oqsma għal titjib:

- **Skeda ta' żmien tal-applikazzjoni:** Filwaqt li fil-livell tal-gvern, l-iskeda ta' żmien għall-proċess tas-selezzjoni hija meqjusa bħala ġeneralment suffiċjenti, il-bliet isibuha diffiċli li jissodisfaw l-iskadenzi kurrenti. B'mod partikolari, il-perjodu ta' 9 xhur bejn il-preselezzjoni u s-selezzjoni finali. Dan il-perjodu ta' żmien qasir iżid il-pressjoni fuq il-bliet, b'mod partikolari dawk iżgħar jew inqas esperjenzati, f'termini tal-bini ta' relazzjonijiet internazzjonali u l-iżgurar ta' impenji minn partijiet ikkonċernati lokali.
- **Laqgħat ta' monitoraġġ:** Xi partijiet ikkonċernati kienu favur bidla minn proċess ta' monitoraġġ lejn rwol aktar konsultattiv, b'esperti tal-panel jaħdmu mill-qrib mal-bliet u joffru soluzzjonijiet u konsulenza esperta f'ħin reali. Dan ikun konformi mal-isfidi fir-rigward tan-nuqqas tal-ħiliet meħtieġa u l-bini tal-kapaċitajiet fl-ECOCs.

B'mod ġenerali, filwaqt li 4 snin wara s-selezzjoni jistgħu jkunu biżżejjed biex il-bliet jimplimentaw l-avveniment, dan il-perjodu ta' żmien jista' jkun ta' sfida jekk belt ma tkunx diġà laħqet ċertu livell ta' maturità kulturali. Filwaqt li dan mhux neċessarjament jimplika li bliet inqas ippreparati ma għandhomx jitqiesu għat-titolu, il-ktieb tal-offerti tagħhom għandu jiġi eżaminat b'mod realistiku u għandu jiġi ġġudikat fid-dawl tal-kapaċità kulturali reali tal-belt, u jekk jintgħażlu, għandhom jingħataw biżżejjed gwida, monitoraġġ u opportunitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet.

Il-partijiet ikkonċernati nnutaw ukoll li jista' jinħela ż-żmien minħabba nuqqas ta' ftehim fir-rigward taż-żewġ dimensjonijiet ewlenin tal-ECOC: id-dimensjoni Ewropea u l-legat. Filwaqt li l-partiċipanti fl-evalwazzjoni qalu li eventwalment fehmu ż-żewġ termini, xi wħud ħassew li gwida aktar ċara dwar kif tidher id-dimensjoni Ewropea fil-prattika tiffiranka l-ħin matul l-istadji tal-offerti jew tal-ippjanar.

L-inkorporazzjoni u t-trasferiment tal-esperti tal-panel jippreżentaw qasam ieħor ta' titjib, b'membri ġodda li spiss ma jkollhomx l-għodod xierqa għal tranżizzjoni bla xkiel, li jwassal għal telf ta' għarfien u għal involviment mhux uniformi. L-azzjoni tal-ECOC tista' tibbenefika mill-iżvilupp ta' proċessi strutturati ta' inkorporazzjoni u l-enfasi fuq rwol konsultattiv għall-esperti tal-panel biex jingħelbu dawn l-isfidi. Fuq nota aktar ġenerali, ġie pperċepit li strateġija ta' komunikazzjoni aktar ċentralizzata fil-livell tal-UE żżid il-viżibbiltà tal-inizjattiva kollha kemm hi iżda anke tal-bliet li jkollhom it-titolu, filwaqt li tagħtihom appoġġ prezzjuż.

Koerenza

L-azzjoni tal-ECOC turi koerenza interna u esterna b'saħħitha. Il-proċessi għas-selezzjoni u l-ġestjoni tal-belt ospitanti jallinjaw tajjeb mal-oġettivi tal-ECOC u l-proċess tal-offerti jobbliga lill-bliet jinkorporaw il-proġett tal-ECOC tagħhom fi strateġija kulturali usa', filwaqt li jinvolvu diversi partijiet ikkonċernati u livelli differenti ta' governanza. Il-partijiet ikkonċernati nazzjonali huma partikolarment vitali, u ta' spiss iqisu lill-ECOC bħala kwistjoni ta' importanza nazzjonali. Madankollu, jistgħu jinħolqu sfidi fl-ibbilanċjar tal-prijoritajiet lokali mal-oġettivi Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tad-dimensjoni Ewropea.

L-ECOC tallinja ma' programmi oħra tal-UE, speċjalment bil-programm emblematicu tal-UE għas-setturi kulturali u kreattivi (CCS, cultural and creative Sectors), Ewropa Kreattiva. It-tnejn li huma jikkondividu oġettivi ewlenin bħat-titjib tad-diversità kulturali u t-trawwim ta' kollaborazzjonijiet transfruntiera. Bl-istess mod, it-tnejn jappoġġaw il-kompetittività tas-CCS tal-UE, itejbu l-partiċipazzjoni kulturali, u jippromwovu l-identità Ewropea. L-azzjoni tal-ECOC tikkondividi karatteristiċi mal-prijoritajiet tal-UE fl-oqsma tal-ekoloġizzazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Hemm lok għal titjib fl-allinjament mal-prijoritajiet ambjentali u mal-politiki esterni tal-UE. Filwaqt li l-bliet li jkollhom it-titolu jew ir-reġjuni tagħhom jew l-Istat Membru tagħhom jistgħu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-UE, inkluż il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni fil-qasam tal-kultura, il-koordinazzjoni proattiva bejn l-azzjonijiet tal-ECOC u sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE tibqa' limitata. Fir-rigward tar-relazzjoni mal-inizjattivi nazzjonali, l-evalwazzjoni nnotat sinerġiji, kif ukoll xi trikkib limitat.

Valur Miżjud tal-UE

L-azzjoni tal-ECOC turi **valur miżjud tal-UE ċar u sinifikanti billi trawwem il-kollaborazzjoni internazzjonali fost l-atturi kulturali fil-bliet ospitanti u l-pari tagħhom f'pajjiżi oħra, billi ttejjeb il-viżibbiltà tal-bliet Ewropej, u billi tippromwovi identità kulturali Ewropea kondiviża.** Permezz tal-appoġġ tal-ECOC, il-bliet — b'mod partikolari

dawk iżgħar u inqas rikonoxxuti internazzjonalment — kellhom aċċess b'suċċess għan-networks kulturali globali, ospitaw programmi kulturali ambizzjużi u diversi, u attiraw l-attenzjoni tal-udjenzi u tal-media li kieku ma kinux ikunu aċċessibbli.

L-inizjattiva mhux biss wasslet għal spinta fit-turiżmu internazzjonali u fis-sħubijiet transfruntiera iżda kkontribwiet ukoll għar-riġenerazzjoni urbana, l-involviment ċiviku, u t-tisħiħ tas-setturi kulturali lokali. Xi bliet jispikkaw bħala eżempji b'saħħithom ta' kif it-titolu tal-ECOC jista' jaġixxi bħala katalizzatur għall-iżvilupp fit-tul, id-diplomazija kulturali, u l-inkorporazzjoni ta' valuri tal-UE bħat-tolleranza u l-paċi. Billi tippermetti l-kooperazzjoni mal-artisti u mal-istituzzjonijiet mill-pajjiżi kemm tal-UE kif ukoll mhux tal-UE, l-azzjoni tappoġġa l-għanijiet tad-diplomazija kulturali tal-UE u ssaħħaħ in-nisġa kulturali tal-Ewropa kollha kemm hi.

Madankollu, l-evalwazzjoni tenfasizza diversi limitazzjonijiet strutturali li jxekklu l-potenzjal sħiħ tal-azzjoni tal-ECOC. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' mekkaniżmu istituzzjonali formali għall-kondiviżjoni tal-għarfien u n-nuqqas ta' bażi ta' data ċentralizzata tal-operaturi kulturali jirrestrinġu s-sostenibbiltà u l-firxa tan-networks maħluqa matul is-sena tat-titolu. Barra minn hekk, filwaqt li l-inizjattiva tippromwovi b'suċċess il-valuri Ewropej, l-appoġġ politiku inkonsistenti u l-impenn limitat ta' wara t-titolu jistgħu jheddu l-impatt tas-sena tat-titolu. Għalhekk, l-evalwazzjoni tissuġġerixxi li appoġġ aktar strutturat fil-livell tal-UE (fil-komunikazzjoni, fil-kondiviżjoni tad-data, u fl-ippjanar tal-legat) ikun essenzjali biex jittejbu l-effettività u l-inflwenza dejjiema tal-azzjoni tal-ECOC.

Rilevanza

L-azzjoni tkompli tevolvi flimkien mal-bidliet soċjoekonomiċi u l-pajsaġġ kulturali tal-Ewropa. Billi hija wkoll waħda mill-aktar azzjonijiet kulturali tal-UE li ilhom għaddejjin, l-inizjattiva tibqa' allinjata mal-għanijiet ta' żvilupp fit-tul tal-bliet, b'mod partikolari fl-inkorporazzjoni tal-kultura fi ħdan l-ippjanar urban u t-tfassil tal-politika. Ir-rekwiżit li l-bliet kandidati jiżviluppaw strateġiji kulturali komprensivi biddel il-mod kif il-muniċipalitajiet jaraw u jużaw il-kultura, li spiss iwassal għall-ħolqien jew għall-irfinar ta' politiki kulturali madwar il-belt kollha. Dawn il-proċessi ma humiex limitati biss għall-bliet li jirnexxielhom jirbħu t-titolu; anke l-bliet li ma jirbħux it-titolu jibbenefikaw minn strateġiji kulturali msaħħa u minn oqfsa ta' ppjanar imtejba. Diversi eżempji juru kif il-proċess tal-offerti jista' jistimula l-iżvilupp ta' strateġiji reġjonali lil hinn mil-livell tal-belt.

L-integrazzjoni tal-azzjoni tal-ECOC fl-oqfsa tal-politika tal-belt spiss issaħħaħ u testendi miżuri preeżistenti, filwaqt li tipprovdi leġittimità u enfasi mġedda fuq l-iżvilupp kulturali. Barra minn hekk, il-proċess tal-offerti jnissel il-fiduċja kemm fit-tmexxija politika kif ukoll fis-settur kulturali, li spiss iwassal għal investimenti tanġibbli fir-riġenerazzjoni urbana mmexxija mill-kultura. Dawn l-eżiti huma partikolarment sinifikanti fid-dawl tat-tnaqqis fil-baġits muniċipali għall-kultura: Il-bliet kapitali kulturali jservu bħala inizjattiva ewlenija li tiżgura l-involviment politiku lokali u tipprovdi evidenza robusta tal-valur soċjoekonomiku tal-investment kulturali. Evalwazzjonijiet *ex post* juru b'mod konsistenti l-effett tal-ingranaġġ, filwaqt li jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi u kulturali usa' b'mod proporzjonali għall-investment inizjali, li l-bliet jużaw biex jiġġustifikaw appoġġ kontinwu u miżjud għall-inizjattivi kulturali.

Il-legat tal-azzjoni jibqa' fil-qalba ta' kwistjonijiet potenzjali dwar ir-rilevanza tal-ECOCs. Filwaqt li xi bliet stabbilew organizzazzjonijiet ta' legat, ħafna oħrajn ma għandhomx mekkaniżmi adegwati ta' ppjanar fit-tul. B'ħafna mill-benefiċċji tas-sena tat-titolu jsiru viżibbli biss snin wara l-konklużjoni tagħha, it-tneħħija gradwali rapida tal-korpi tat-twettiq tal-ECOC

spiss tirriżulta f'opportunitajiet mitlufa biex jinżamm il-momentum. L-ippjanar dgħajjed tal-legat, flimkien ma' limitazzjonijiet tad-data u nuqqas ta' oqfsa ta' evalwazzjoni fit-tul, jimminaw il-kapaċità li jinqabad l-impatt sħiħ tal-inizjattiva. B'mod ġenerali, l-inizjattiva ECoC għenet biex tiżdied l-importanza tal-evalwazzjoni tal-politika kulturali madwar l-Ewropa. Il-gruppi fokali enfasizzaw l-interess dejjem akbar fil-valutazzjoni tal-impatt tal-kultura, b'ħafna networks tal-bliet Ewropej joħolqu flussi ta' ħidma ddedikati fuq il-valutazzjoni tal-impatt kulturali. Dan jissuġġerixxi li l-inizjattiva għandha rwol ċentrali fit-tmexxija 'l quddiem tal-prattika tal-evalwazzjoni tal-politika kulturali fil-livell lokali.

Dimensjoni importanti oħra tar-rilevanza tal-azzjoni hija l-potenzjal tagħha li tappoġġa l-iżvilupp reġjonali permezz tal-kollaborazzjoni bejn il-bliet u ż-żoni tal-madwar tagħhom. Xi eżempji juru kif l-inizjattiva tista' tiddeċentralizza b'suċċess il-benefiċċji kulturali u żżid l-aċċess bejn municiplitalajiet multipli. Madankollu, jippersistu sfidi strutturali b'mod partikolari f'żoni rurali u f'municiplitalajiet iżgħar li jista' ma jkollhomx il-kapaċità ta' rendiment meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod effettiv.

B'mod parallel, l-azzjoni adattat biex tibqa' rilevanti għall-prijoritajiet tal-politika tal-UE, inkluża l-estensjoni tal-eliġibbiltà għall-pajjiżi mhux tal-UE, l-inkorporazzjoni ta' enfasi aktar b'saħħitha fuq l-impatt fit-tul, u l-promozzjoni tad-dimensjoni Ewropea. Madankollu, id-dibattiti li għaddejjin dwar ir-rwol u l-viżibbiltà tad-dimensjoni Ewropea, u s-sottorappreżentanza tal-prijoritajiet ambjentali u diġitali fi kriterji formali tas-selezzjoni, jindikaw oqsma għal irfinar ulterjuri biex tinżamm ir-rilevanza tal-inizjattiva f'kuntest ta' politika li qed jinbidel malajr.

4. Konklużjonijiet u Tagħlimiet Meħuda

L-evalwazzjoni turi li l-ECoC hija azzjoni ewlenija ta' suċċess tal-UE b'kosteffettività b'saħħitha u b'impatt limitat ħafna fuq il-baġit tal-UE. Barra minn hekk, l-azzjoni jista' jkollha effett trasformativ fuq il-kandidati differenti u l-bliet magħżula peress li teħtieġ ippjanar fit-tul u l-inklużjoni tal-kultura fil-politika lokali tal-belt sabiex din tiġi kkunsidrata għat-titolu. L-azzjoni għandha wkoll koerenza b'saħħitha ma' azzjonijiet oħra tal-UE, b'mod partikolari Ewropa Kreattiva, u tippermetti t-tixrid tal-valuri tal-UE u tal-professjonisti u tal-artisti kulturali Ewropej u x-xogħlijiet tagħhom fl-UE u lil hinn minnha.

L-ewwel evalwazzjoni interim tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura għall-perjodu 2020–2033 enfasizzat kemm is-suċċessi kif ukoll l-isfidi, u offriet tagħlimiet ewlenin għall-futur tagħha. Is-sejbiet se jiggwidaw lill-ECoC fil-fażi li jmiss tagħha wara l-2033, filwaqt li jiżguraw is-suċċess u r-rilevanza kontinwi tagħha.

Enfasi aktar b'saħħitha fuq id-“dimensjoni Ewropea” fil-kompetizzjoni: Id-“dimensjoni Ewropea” hija element ewleni tal-kriterji tal-azzjoni u tas-selezzjoni tal-ECoC. Madankollu, jidher li, abbażi tal-feedback, spiss ma tkunx mifhuma bis-sħiħ mill-partijiet ikkonċernati differenti. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tesplora modi kif tiżviluppa l-fehim ta' din id-dimensjoni.

Għarfien fit-tul: Minħabba n-nuqqas ta' network formali tal-ECoC, hemm ir-riskju li jintilef l-għarfien bejn bliet li jkunu għadhom kif ġew maħtura u dawk li nħatru fil-passat. Il-Kummissjoni tista' twettaq riċerka dwar kif titrawwem il-kondiviżjoni tal-għarfien fil-komunità tal-ECoC biex l-azzjoni tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tad-dimensjoni Ewropea tagħha.

Komunikazzjoni: Il-Kummissjoni Ewropea tikkomunika b'mod attiv dwar il-ħatra uffiċjali tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura b'diversi mezzi, inklużi l-istqarrija għall-istampa, is-siti web,

u l-media soċjali. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda azzjoni ta' komunikazzjoni kkonċentrata fil-livell tal-UE mill-Kummissjoni Ewropea u minn istituzzjonijiet oħra madwar l-UE biex jiġu promossi l-bliet tal-ECOC. Dan jillimita l-viżibbiltà, l-impatt u s-sensibilizzazzjoni pubblika tal-Azzjoni. L-ECOC tibbenefika minn sforzi ta' komunikazzjoni tal-UE biex tiġi appoġġata u kkomplementata l-ħidma tal-bliet li jkollhom it-titolu, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u bil-kontribut tagħhom. Il-ħatra ta' ambaxxaturi tal-ECOC fil-livell politiku tista' tgħin lill-inizjattiva.

Data: Is-sett ta' indikaturi pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea lill-organizzazzjonijiet inkarigati mill-istabbiliment tal-kompetizzjonijiet differenti tal-ECOC għandu jiġi rivedut abbażi tar-riżultati u l-lakuni fid-data identifikati matul il-proċess tal-evalwazzjoni.

Panel ta' esperti: Huwa importanti li jiġi żgurat li l-panel ta' esperti jkollu l-ħiliet u r-riżorsi biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv. Il-Kummissjoni tista' ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra biex tiżgura li l-panel ikun varjat kemm fir-rappreżentanza kif ukoll fil-kompetenza esperta. Barra minn hekk, proċess strutturat ta' inkorporazzjoni għall-membri l-ġodda jgħin biex jiġi żgurat li dawn ikunu ppreparati sew u jappoġġa tranżizzjoni u trasferiment bla xkiel mill-membri li jkunu jispiċċaw.

Ippjanar fit-tul: L-evalwazzjoni wriet li l-impatt fit-tul tal-azzjoni ma huwiex esperjenzat sal-potenzjal sħiħ tiegħu f'xi bliet. Il-Kummissjoni tista' tesplora t-tisħiħ tal-kriterju tal-“kontribut għall-istrateġija fit-tul” u ssaħħaħ il-kriterji u l-indikaturi ta' evalwazzjoni biex trawwem impatti aktar fit-tul fil-bliet kandidati differenti.

Bħala konklużjoni, l-evalwazzjoni tipprovdi għarfien kruċjali dwar il-progress u l-potenzjal tal-programm. Wara 40 sena, l-azzjoni tibqa' rilevanti u mfittxija sew mill-bliet u mit-territorji biex jiżviluppaw lilhom infushom permezz tal-kultura. Madankollu, huwa importanti li tiġi aġġornata l-azzjoni biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tagħha fil-futur, b'mod partikolari billi jitqiesu x-xejriet emerġenti li dehru f'dawn l-aħħar snin, bħal għadd akbar ta' bliet iżgħar li jkollhom it-titolu.